Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9234 — Harris Corporation/L3 Technologies)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 154/05)

1. Fis-26 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Harris Corporation ("Harris") (l-Istati Uniti)

— L3 Technologies, Inc. ("L3") (l-Istati Uniti)

Harris takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll sħiħ ta' L3.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Harris: fornitur internazzjonali ta' teknoloġija ajruspazjali u ta' difiża li jissupplixxi prodotti, sistemi u servizzi għad-difiża, għall-gvern ċivili u għal applikazzjonijiet kummerċjali,

— għal L3: kumpanija internazzjonali ajruspazjali u ta' difiża li tforni sistemi ta' intelliġenza, sorveljanza u rikonoxxenza, ta' komunikazzjoni u sistemi elettroniċi għal klijenti fil-qasam tal-militar, is-sigurtà interna u l-avjazzjoni kummerċjali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9234 — Harris Corporation/L3 Technologies

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").